

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

27. Jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2012 tirrevedi l-progress li jkun sar fil-kisba ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija u biex tevalwa il-potenzjal ta' setturi differenti għal iżjed tnaqqis effettiv għan-nefqa;

*
* * *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2006)0367

L-istrateġija tematika dwar l-ambjent urban

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-istrateġija tematika dwar l-ambjent urban ((2006/2061(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar id-dimensjoni urbana fil-kuntest tat-tkabbir ⁽¹⁾ u tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-aspetti ambjentali ta' l-iżvilupp sostenibbli ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban (COM(2005)0718),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn strateġija tematika dwar l-Ambjent Urban" (COM(2004)0060),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni għall-Ambjent (is-sitt EAP) ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0233/2006),
- A. billi madwar 80 % tal-popolazzjoni Ewropea tgħix fil-bliet, iżda l-ħtiġijiet u l-interessi tagħha mhux dejjem ikunu rappreżentati b'mod xieraq fil-fondi, fil-proġetti, fl-inizjattivi u fl-istrateġiji ta' l-Unjoni Ewropea,
- B. billi l-mira ta' l-Istrateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban (TSUE) hija li tikkontribwixxi għall-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-bliet fl-Ewropa, billi tnaqqas il-burokrazija u żżid l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, u billi tinkoraġġixxi l-ippjanar ambjentali fuq perjodu ta' żmien fit-tul fil-livell lokali,
- C. billi, peress li s-sehem ta' trasport pubbliku fl-Istati Membri ġodda, minkejja li qed jonqos, xorta huwa ogħla milli fl-Istati Membri l-oħra, għandhom jitqiesu miżuri li jkunu jistgħu jippermettu l-waqla ta' aktar tnaqqis fl-użu tat-trasport pubbliku,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2005)0387.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0020.

⁽³⁾ ĠU L 242, 10.9.2002, p.1.

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

- D. billi s-sitt EAP ippromwova b'mod partikulari l-ħtieġa li jkunu indirizzati l-volumi ta' traffiku li qed jizziedu u li tinkiseb firda sinifikattiva bejn it-*tkabbir fit-trasport u dak tal-GDP*,
- E. billi d-dipendenza ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-enerġija għandha tkun indirizzata fil-livell urban, bl-akbar żieda fil-konsum ta' l-enerġija tkun fis-settur tat-trasport, u billi l-politiki fis-setturi l-oħrajn bħal dak tad-djar u l-għażla ta' sorsi ta' enerġija għall-*ġenerazzjoni tas-sħana huma*, b'mod prinċipali, *deċiżi fil-livell lokali*,
1. Jilqa' l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-TSUE; madankollu, iqis li l-fatt li jintlaħqu l-miri stipulati fis-sitt EAP mhux biżżejjed;
 2. Jappoġġja b'mod partikulari l-fatt li l-komunikazzjoni tirrikonoxxi wkoll l-irwol importanti tal-bliet bħala *ċentri ekonomiċi*;
 3. Jaqbel ma' l-analiżi tal-Kummissjoni li l-problemi ambjentali fil-bliet b'mod partikulari huma kumplessi għaliex il-kawżi tagħhom huma relatati ma' xulxin u jappoġġja t-twissija tal-Kummissjoni li inizjattivi lokali biex isolvu problema waħda jistgħu jwasslu għal problemi x'imkien ieħor;
 4. Jiddispijaċi li, kuntrarju għall-intenzjonijiet tas-sitt EAP, m'hemm l-ebda miżura jew skadenza li jorbtu b'mod legali proposti mill-Kummissjoni biex jindirizzaw kwalunkwe mira stipulata fis-sitt EAP;
 5. Jiddispijaċi ukoll li t-TSUE ma jippruvax jibbilanċja l-politika Ewropea bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, jew bejn bliet u rħula ċentrali u dawk f'żoni mbiegħda;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ linjigwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva li ġejja dwar il-kwalità ta' l-arja u ta' arja aktar nadifa fl-Ewropa u biex tiżgura l-infurzar xieraq ta' din il-parti tal-*leġiżlazzjoni*;
 7. Jenfasizza li l-Kummissjoni f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, għandha tinkoraġġixxi lil kull agglomerazzjoni li jkollha popolazzjoni ta' aktar minn 100 000 ruħ sabiex tistabbilixxi Pjan ta' Mmaniġġjar Sostenibbli Urban (SUMP) u Pjan ta' Trasport Urban Sostenibbli (SUTP);
 8. Jitlob li d-dokument gwida tal-Kummissjoni jinkorpora indikaturi komuni prinċipali f'konformità ma' l-obbligi u mal-miri skond il-politika ambjentali attwali rilevanti ta' l-UE (eż. l-arja, l-istorbju, direttivi dwar l-ilma u l-iskart, effiċjenza enerġetika u politika tal-klima) biex jippermettu paraguni u '*benchmarking*' bejn bliet Ewropej;
 9. Iqis li l-SUMP għandu jqis fost l-oħrajn id-dokumenti li ġejjin:
 - Pjan ta' mmaniġġjar ta' l-iskart (Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart, kif emendata ⁽¹⁾)
 - Mapep ta' l-istorbju u pjanijiet ta' azzjoni, jekk disponibbli (Direttiva 2002/49/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' storbju ambjentali ⁽²⁾)
 - Pjan jew programm lokali tat-tniġġis ta' l-arja, jekk disponibbli (Direttiva 96/62/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-arja ⁽³⁾)
 - Pjanijiet u programmi lokali ambjentali skond id-Direttiva 2001/42/KE dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' *ċertu pjanijiet u programmi fuq l-ambjent* ⁽⁴⁾;

(1) ĠU L 194, 25.7.1975, p.39. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p.1).

(2) ĠU L 189, 18.7.2002, p.12.

(3) ĠU L 296, 21.11.1996, p.55.

(4) ĠU L 197, 21.7.2001, p.30.

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

10. Iqis li s-SUMPs għandhom ikunu stabbiliti kif ġej:
- (a) Ġbir ta' data u ta' informazzjoni rilevanti rigward:
- L-oqsma msemmija fil-paragrafu 9 ta' din ir-riżoluzzjoni,
 - Relazzjonijiet bejn żoni mibnija u l-kampanja u l-ambjent rurali,
 - Previżjonijiet tat-tkabbir tal-popolazzjoni u t-talba għal żoni ta' żvilupp ġodda,
 - Fluss ta' komunikazzjoni, mobilità, integrazzjoni urbana u aċċessibilità ta' servizzi,
 - Tniġġis lokali minn gass ta' l-effett serra,
 - Struttura urbana u l-proporzjon ta' żoni ħodor u ta' binijiet irregolari,
 - Użu ta' bijoċidju lokali,
 - Problemi tas-saħħa relatati ma' l-ambjent,
 - Possibilitajiet ta' ambjent ħieles minn ostakoli għal persuni b'diżabilità, għal anzjani u għal oħrajn,
 - Il-valutazzjoni ta' wirt kulturali, l-ambjent mibni u l-ambjent naturali, kif ukoll postijiet ta' interess ekoloġiku u r-riskji li huma esposti għalihom,
 - Il-valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' l-ilma tax-xorb f'żoni urbanizzati u l-arranġamenti li jridu jitwettqu fir-rigward tal-purifikazzjoni u ta' l-irkupru;
- (b) Obiettivi rigward:
- It-titjib tas-sitwazzjoni fiż-żoni msemmija fil-punt (a),
 - Integrazzjoni tas-sostenibilità fl-oqsma kollha tal-politika urbana,
 - Armonizzazzjoni ma l-SUTPs,
- (c) Miżuri u azzjonijiet prattiċi li jridu jittieħdu biex jinkisbu l-obiettivi msemmija fil-punt (b);
11. Jenfasizza li ċ-ċittadini, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet tan-negozju u partijiet ikkonċernati oħrajn għandhom ikunu involuti fil-preparazzjoni ta' l-SUMPs, li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku; min-barra dan, iqis, li evalwazzjoni regolari tal-progress imwettaq u tad-disseminazzjoni tar-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet hija essenzjali wkoll;
12. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni biex twettaq revizzjoni f'perjodu ta' żmien medju ta' l-implimentazzjoni tal-linjigwida tekniċi fir-rigward tal-konsultazzjoni ta' l-2009 u jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni fir-rigward tat-twaqqif ta' portal ta' l-internet tematiku għal awtoritajiet lokali;
13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi mira għal żoni ħodor ras għal ras għal żvilupp urban ġdid u iqis li din il-mira għandha tkun inkluża fl-SUMPs biex tevita kull tnaqqis ta' żoni ħodor f'żoni urbani li ma jilhqax din il-mira;
- Immaniġġjar Urban Sostenibbli***
14. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità fi ħdan l-oqfsa ta' referenza nazzjonali strateġiċi u l-programmi operattivi ta' ffinanzjar tagħhom għal proġetti li jimplimentaw immaniġġjar urban sostenibbli u pjanijiet ta' trasport, kif ukoll proġetti li jillimitaw l-iżviluppi f'żoni agrikoli u jippromwovu dawk f'żoni abbandunati, u biex jippromwovu iż-żriegħ ta' siġar fit-toroq u t-tfassil ta' aktar spazju b'veġetazzjoni;
15. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-użu ta' l-Iskema ta' Mmaniġġjar u Verifika Ambjentali mill-awtoritajiet lokali;
16. Jistieden lill-awtoritajiet urbani biex iwettqu referenza sistematika għal kriterji ta' sostenibilità fis-sej-ħiet għall-offerti pubbliċi tagħhom u biex jinkorporaw l-impenji għal dan il-għan fl-SUMPs;
17. Jappoġġja l-promozzjoni tal-formazzjoni tal-kompost, minflok il-ħruq tal-veġetazzjoni ta' l-iskart biex ikun evitat it-tniġġis li jinħoloq lokalment;

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

18. Iqis li huwa importanti li ċ-ċittadini jkunu involuti aktar fid-deċiżjonijiet lokali kemm b'mezzi politiċi kif ukoll tekniċi;

19. Jemmen li hemm il-ħtieġa ta' aktar attenzjoni biex ikunu evitati u mneħħija il-ħmieġ, l-iskart, il-graffiti, il-ħmieġ ta' l-annimali u l-istorbju żejjed mis-sistemi ta' mużika domestiċi u tal-vetturi;

Trasport Sostenibbli Urban

20. Jappoġġja l-idea ta' pjanijiet ta' trasport urban sostenibbli (SUTPs) bħala strument biex itejjeb l-ambjent urban, iżda jenfasizza l-ħtieġa biex dan l-istrument jintuża b'mod flessibbli, biex jitqiesu b'mod suffiċjenti l-ħtieġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru u ż-żoni urbani tiegħu, u minbarra dan, tar-reġjuni affettwati mil-limitazzjonijiet speċifiċi;

21. Jenfasizza li l-SUTPs għandhom jinkludu miri konkreti u li jistgħu jkunu kwantifikati li jistgħu jkunu preżentati u mmonitorjati permezz ta' tabella bil-marki, li thegħeġ id-disseminazzjoni ta' l-aqwa Prattika fost l-Istati Membri; jinnota li l-SUTPs għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw żviluppi ġodda;

22. Iqis li l-użu ta' modi ta' trasport u teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent huwa fattur ewlieni fil-kisba ta' ambjent urban aktar nadif; jinnota f'dan ir-rigward b'mod partikulari l-użu ta' bijofjuwils, teknoloġiji ta' karozzi ibridi, roti, u trakkijiet u karozzi tal-linja li jilħqu l-istandard ta' vetturi mtejba li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (EEV) ta' l-UE⁽¹⁾; se jagħti l-attenzjoni stretta tiegħu b'mod xieraq għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' vetturi ta' trasport pubbliku li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jipproponi li l-aġenziji lokali ta' l-effiċjenza fl-enerġija jkunu allokati qasam speċifiku ta' attivitá relatat mat-trasport urban;

23. Jappoġġja l-iżvilupp tat-trasport pubbliku li juża sorsi ta' enerġija sostenibbli u jhegħeġ li jinħoloq bilanċ aħjar bejn it-trasport individwali u dak kollettiv f'żoni urbani;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun imhegħeġ aktar l-użu tat-trasport pubbliku u kollettiv f'żoni urbani; iqis ukoll li s-servizzi ta' trasport urban għandhom bżonn jindirizzaw kemm ir-rekwiżiti ta' l-ippjanar ta' l-ispazju (distretti tal-parti antika tal-belt, żoni ta' barra, konnessjonijiet ma' l-ajruporti, stazzjonijiet, żoni industrijali, żoni tan-negozju, eċċ.) u kemm il-ħtieġijiet tal-pubbliku u t-tibdiliet demografiċi (anzjani, persuni b'diżabilità, eċċ.);

25. Jitlob lill-Istati Membri, f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali, sabiex jagħmlu sforzi sabiex jiksbu bidla ta' mill-anqas 5 % għal kull passiġġier fil-kilometraġġ fil-qalba tal-belt favur metodi ta' trasport sostenibbli, bħat-trasport pubbliku u ċ-ċikliżmu, fil-perjodu 2002-2012;

26. Jenfasizza li l-aċċess għal mobilitá għal kulħadd (anke daww mingħajr aċċess għal vettura privata) huwa fattur soċjali li jeħtieġ li jitqies;

27. Peress li l-aċċessibilitá hija ċentrali għall-iżvilupp sostenibbli u trid tkun indirizzata permezz ta' approċċ ta' politika urbana integrata, jitlob lill-istituzzjonijiet ta' l-UE biex irawwmu skambji ta' l-aqwa Prattika fost l-awtoritajiet lokali u nazzjonali u jitlob lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-infurzar tal-leġiżlazzjoni Ewropea attwali biex tippromwovi l-aċċessibilitá għal persuni b'diżabilità, u b'mod partikulari tar-regoli li jirregolaw il-proċeduri ta' l-akkwist speċifiċi tal-Komunitá, li jitolbu b'mod espress li t-tfassil jindirizza l-utenti kollha;

28. Iqis li l-SUTPs għandhom jinkludu l-mezzi li permezz tagħhom l-awtoritajiet lokali għandhom intenzjoni li:

- jippromwovi modi ta' trasport mhux mekkanizzati bħaċ-ċikliżmu u l-mixi, billi jikkonstruwixxu network estensiv ta' passaġġi għar-roti u billi jipprovdu passaġġi sikuri u intersezzjonijiet għal persuni bil-mixi,
- jippromwovi t-trasport pubbliku u l-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport pubbliku, u jqassmu l-informazzjoni dwar eżempji attwali xierqa, bħall-introduzzjoni ta' sistemi integrati ta' prezzijiet u biljetti u l-iżvilupp ta' sistemi P+R,

(¹) Direttiva 2005/55/KE dwar it-tniġġis minn emissjoni inkwinanti gassużi u partikulati (ĠU L 275, 20.10.2005, p.1).

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

29. Ifakkar lill-Istati Membri bir-responsabilità tagħhom biex iqisu l-utenti tat-trasport l-aktar vulnerabbli fit-tfassil ta' bliet, pereżempju, billi jnaqqsu l-limiti tal-veloċità jew billi jimplimentaw żoni mingħajr vetturi fiċ-ċentri tal-bliet jew f'żoni residenzjali, bil-għan li jitnaqqsu l-imwiet fit-toroq b'50 % sa l-2010, kif stipulat fil-White Paper dwar il-Politika Ewropea tat-Trasport;
30. Jipproponi l-istabbiliment ta' pjanijiet loġistiċi tal-belt biex inaqqsu u jtejbu t-trasport ta' merkanzija fi ħdan l-ibliet, anke, b'mod partikulari, il-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni tal-merkanzija fil-livell lokali fi ħdan l-ibliet;
31. Ifakkar li t-tniġġis ta' l-arja huwa kawża prinċipali tal-problemi tas-saħħa fl-UE; għalhekk jenfasizza li l-bliet bi tniġġis għoli ta' l-arja għandhom iqisu t-twaqqif ta' żoni b'livell baxx ta' tniġġis;
32. Jappoġġja l-għieda kontra t-tniġġis fis-sors u l-implimentazzjoni ta' miżuri innovattivi mmirati lejn is-soluzzjoni tal-problemi ambjentali fil-bliet; jenfasizza li l-istudji stipulaw li t-traffiku tal-merkanzija jipproduċi sa 38 % ta' tniġġis f'partikuli anqas meta jkun miexi milli meta jkun wieqaf u li għalhekk huma meħtieġa miżuri innovattivi biex jgħinu l-fluss tat-traffiku;
33. Iħeġġeġ koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet lokali bil-ħsieb li jkun żgurat ċertu livell ta' koerenza; koordinazzjoni fqira bejn l-awtoritajiet lokali twassal għal spejjeż ta' provvedimenti oġhla, aktar traffiku u għalhekk aktar tniġġis;

Ippjanar Urban Sostenibbli

34. Jinnota li l-Kummissjoni identifikat b'mod xieraq il-problemi u s-sitwazzjoni attwali f'dan il-qasam; iżda, hija ma pproponietx azzjoni biex issolvihom;
35. Jenfasizza l-importanza ta' l-ippjanar u t-fassil ta' żoni u ta' blokko ta' torrijiet fil-prevenzjoni tal-kriminalità, kif ukoll għaż-żoni pubbliċi bħal parkeġġi u rotot lejn u mill-istazzjonijiet ferrovjarji;
36. Jenfasizza wkoll id-dimensjoni soċjali ta' l-ippjanar urban sostenibbli u jirrakkomanda t-titjib ġenerali tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni ta' ġewwa l-belt permezz ta' approċċ olistiku (b'mod partikulari soċjali, kulturali u ambjentali);
37. Jistieden biex issir prova ta' żviluppi ġodda u ta' espansjoni urbana, biex it-topografija u l-istruttura naturali ta' l-art tkun rispettata biex l-identità u l-apparenza ta' kull żona tista' tkun preservata;
38. Jissuġġerixxi li l-ippjanar urban għandu jinkludi l-provvediment ta' aktar żoni bil-veġetazzjoni, u li, fil-proċess ta' espansjoni u ta' żvilupp ġdid ikun fadal biżżejjed żoni naturali biex il-pubbliku jkollu kuntatt man-natura;
39. Bħala miżura ta' prekawzjoni biex ikunu preservati żoni storiċi, żoni naturali, xmajjar, għadajjar kbar u artijiet bl-ilma, jistieden biex jinħolqu żoni ta' protezzjoni madwar żoni bħal dawn, li fihom, biex ikun hemm reżistenza għal pressjoni għal żvilupp, ikun hemm ftit possibilitajiet ta' bini;
40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu riċerka fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-mudelli urbani varji u l-imġieba soċjali, kif ukoll fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jrawwmu l-armonija soċjali u s-saħħa;
41. Jenfasizza li xi kwartieri storiċi — partijiet mill-wirt komuni tagħna ta' valur — sfaw abbandunati fil-bliet għal għexieren ta' snin; jirrakkomanda t-twaqqif ta' programmi ta' appoġġ nazzjonali, reġjonali jew lokali biex jipromwovu rijabilitazzjoni xierqa ta' dawn iż-żoni, inklużi l-arkitettura, l-ispace miftuħ u l-pjazez, kif ukoll żoni viċin ix-xmajjar, pontijiet u xogħlijiet pubbliċi oħrajn;

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

42. Hu ta' l-opinjoni li biex jindirizza l-problema tal-bidla fil-klima fil-bliet, bħan-nuqqas ta' ventilazzjoni naturali li tirriżulta f'perjodi ta' temperaturi għoljin ħafna u tniġġis tqil ta' l-arja, ir-riċerka dwar il-klima tal-belt għandha tkun inkluża fl-ippjanar urban biex tevita l-effett tal-mina tar-riħ tal-bini għoli; jenfasizza li n-nuqqas ta' spazji bil-veġetazzjoni inaqas il-ventilazzjoni naturali;

43. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jippromwovu proġetti kofinanzjati mill-UE relatati ma' l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' sistemi li jsaħħnu distrettwali u biex jappoġġjaw żieda fil-bini u fl-użu ta' sistemi li jsaħħnu; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li fil-każ ta' kriżi fl-enerġija, bidla għal sors ta' enerġija differenti tkun aktar faċli biex tinkiseb bis-sistemi li jsaħħnu distrettwali;

44. Jenfasizza l-fatt li jistgħu jkunu żviluppatti metodi ġodda ta' mmaniġġjar ta' l-ilma fil-bliet, li jimmiraw biex iżommu l-ilma tax-xita fil-bliet għal perjodi ta' żmien itwal matul is-sjuf sħan u xotti, jevitaw l-għargħar ta' malajr u jevitaw il-bini ta' djar u ta' żviluppi oħrajn f'żoni ta' l-għargħar;

45. Jipproponi li l-linjigwida tal-Komunità għandhom ikunu stabbiliti għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżors ta' l-ilma fil-bliet, u jimmiraw għall-adattament ta' l-impatt tal-bidla fil-klima, inklużi r-rewżiti għal effiċjenza ta' l-ilma fil-bini ġdid, konservazzjoni ta' l-ilma f'perjodi ta' xita għall-perjodi xotti u sħan, iż-żamma ta' riżervi ta' l-ilma f'perjodi sħan bħala sistemi li jiffriskaw u Drenaġġ Urban Sostenibbli biex inaqas ir-riskju ta' ħruġ ta' drenaġġ u ta' għargħar, inaqas l-imblukkar bil-ħamrija u jżid il-konservazzjoni ta' l-ilma;

46. Iqis li, meta tkun implimentata l-istrategġija tematika, għandha tingħata attenzjoni mhux biss għall-kwantità iżda wkoll għall-kwalità ta' l-ilma; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-iskambju tal-prattika adattata f'dan il-qasam f'każ ta' tiftix ta' konnessjoni għal networks li diġà twaqqfu bħala parti mill-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' l-Ilma;

47. Jenfasizza l-importanza li sseħħ rinnovazzjoni ta' pajpijiet ta' l-ilma qodma u ta' sistemi tad-drenaġġ fil-bliet;

Kostruzzjoni Urbana Sostenibbli

48. Jiddispijaċih li minkejja li l-Kostruzzjoni Urbana Sostenibbli kienet identifikata bħala waħda mill-erba' oqsma prinċipali ta' "Lejn Strategġija Tematika dwar l-Ambjent Urban", l-istrategġija proposta m'għandha l-ebda azzjoni speċifika f'dan il-qasam;

49. Jenfasizza l-importanza ta' żieda fil-kapaċità ambjentali ta' bini b'disinn ta' djar effiċjenti fl-enerġija (insulazzjoni, użu ta' enerġija li terġa' tiġġedded, soqfa bil-veġetazzjoni, disinn għax-xemx passiv/attiv, djar b'konsum baxx ta' l-enerġija, eċċ.); jappoġġja l-użu ta' sorsi li jergġhu jiġġeddu, kif ukoll, jekk possibbli, ta' sorsi ta' enerġija disponibbli fil-livell lokali fl-ambjent urban u ta' disinn ta' bini b'effiċjenza fl-ilma (konservazzjoni u użu mill-ġdid ta' l-ilma tax-xita, ifflaxxjar bis-sens ta' tojlits, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-platti li huma effiċjenti fl-ilma); minbarra dan, jirrakkomanda 'benchmarking' u skambju ta' l-aqwa Prattika fi ħdan l-UE fit-titjib ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-introduzzjoni ta' enerġiji li jergġhu jiġġeddu u b'mod ġenerali l-progress fil-kostruzzjoni urbana sostenibbli;

Iffinanzjar, riċerka u skambju ta' l-aqwa Prattiki

50. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun appoġġjata l-introduzzjoni ta' inizjattivi bħal dawn b'ffinanzjar adattat mill-UE, b'mod speċjali mill-programmi u fondi speċifiċi bħas-CIVITAS⁽¹⁾; jappoġġja l-opinjoni tal-Kummissjoni li jeżistu opportunitajiet għal kisba ta' assistenza finanzjarja li jindirizzaw prijoritajiet ambjentali f'żoni urbani skond ir-Regolament propost Life+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fondi Strutturali u l-programm ta' qafas ta' riċerka, u għalhekk, huwa kontra kull tnaqqis fil-baġits tagħhom. Iżda, jinnotta l-ħtieġa li jkunu identifikati sorsi ta' ffinanzjar speċifiku addizzjonali biex jilhq u l-isfidi l-ġodda ġejjin mill-istrategġija għall-ambjent urban;

51. Jadotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li għandu jkun adottat approċċ integrat għall-immaniġġjar ta' l-ambjent urban u huwa ta' l-opinjoni li, jekk ikun applikat fil-livell lokali bl-appoġġ ta' l-Istati Membri, dan l-approċċ għandu jkun stabbilit bħala wieħed mill-kriterji għall-għoti tar-riżors tal-Fondi Strutturali u għas-self mill-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB);

(¹) CIVITAS: City — VITALity — Sustainability, CIVITAS I (2002-2006) u CIVITAS II (2005-2009) għandhom baġit ġenerali ta' aktar minn EUR 300 miljun.

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2006

52. Jistieden lill-EIB biex itejjeb l-istrumenti tiegħu ta' self biex jappoġġja b'mod effettiv l-iżvilupp urban sostenibbli u biex jagħti prijorità lill-programmi u proġetti urbani attwali li jimplementaw l-SUMPs, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-effiċjenza enerġetika, ta' l-enerġiji li jergħu jigggeddu, u ta' l-infrastruttura ta' trasport urban sostenibbli; minbarra dan, jistieden lill-EIB biex jiżgura li l-investimenti ffinanzjati minnu ma jikkontradixxux l-oġġettivi ta' mmaniġġjar urban sostenibbli;
53. Jenfasizza s-sinifikat tar-riċerka fir-rigward tal-politika urbana, inklużi kwistjonijiet relatati mal-provvedimenti ta' l-elettriċità u tal-gass, mas-sħana u ma' l-arja kkundizzjonata u mat-trattament ta' l-iskart, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkorpora mill-ġdid dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' din il-kwistjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka;
54. Iqis li huwa importanti ħafna li jkun appoġġjat network ta' punti nazzjonali ta' ffukar fuq kwistjonijiet urbani, bħan-Network Ewropew ta' Tagħrif Urban, u jilqa' l-kontinwazzjoni ta' l-appoġġ għall-programm URBACT fi ħdan il-qafas tal-politika ta' koeżjoni proposta għal 2007-2013;
55. Jistieden għall-promozzjoni ta' l-iskambju ta' l-aqwa prattika fil-livell ta' l-UE bejn l-awtoritajiet urbani dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u l-SUMPs; minbarra dan, jipproponi li, biex jevita żbalji fl-iżvilupp urban fil-futur, għandu jkun inkuraġġit skambju onest u miftuħ ta' esperjenzi negattivi, permezz ta' kampanji — li jistgħu jitwettqu minn assoċjazzjonijiet ta' bliet — immirati kemm għall-ħaddiema taċ-ċivil u għar-rappreżentanti eletti;
56. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tidħol f'aktar dettal fir-rigward tas-sinifikat tar-relazzjonijiet bejn il-bliet u l-inhawij tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli urban li jikkontribwixxi għall-koeżjoni ġenerali ta' l-UE u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipromwovu dan it-tip ta' żvilupp sostenibbli urban;
57. Jipproponi li l-finanzi mill-UE jiġu allokatu u użati min Stati Membri sabiex isir t-tagħmir mill-ġdid ta' bini u kwartieri;

Legislar Aħjar

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jilhq u ftehma interstituzzjonali mal-Parlament fejn it-tliet istituzzjonijiet jesprimu d-dedikazzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja kollha attwali kif imsemmija f'din ir-riżoluzzjoni; huwa konvint li ftehma bħal din tikkontribwixxi għat-titjib fir-responsabilità u għalhekk għal "leġiżlazzjoni aħjar";

*
* *
*

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew ta' l-Investment u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2006)0368

Il-ħolqien ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħolqien ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (2006/2002 (INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal mill-Kummissjoni imsejjaħ "Lejn Qafas ta' Kwalifiki Ewropew għat-Taħriġ Tul il-Ħajja" (SEC(2005)0957),
- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni integrat fil-qasam tat-taħriġ tul il-ħajja (COM(2004)0474),